# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 10 ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 158/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Callus**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Callus talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Awissu, 1996 u fit-tnax-il xahar qabel din id-data (**1**) kellu fil-pussess tieghu id-drogi erojina u kokajina bi ksur tal-ligi; (**2**) f'dawn il-Gazejjer, fit-12 ta' Awissu, 1996 u fil-gimghat ta' qabel, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina bi ksur tal-ligi; (**3**) talli sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 21.1.87, 18.4.90, 3.7.90, 20.2.91 u 24.5.96; (**4**) kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 9 tal-Kap. 152 b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datati 22.7.93, 20.10.94, 9.3.95, 12.2.96, u 24.1.96; (**5**) talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga erojina fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club*, jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh, jew lil persuna li tkun qieghda ssegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali fl-konfront tal-imputat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Awissu, 2001 li permezz taghha dik il-qorti **lliberat lill-imsemmi Raymond Callus mit-tieni imputazzjoni u mill-hames imputazzjoni, izda sabitu hati skond l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet** u, minflok applikat piena, poggiet lill-istess Raymond Callus taht Ordni ta' *Probation* skond l-Artikolu 5 tal-Kap. 152; dik il-qorti ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni permezz ta' l-Ispizjar Mario Mifsud tal-oggetti kollha relatati mad-droga u ezibiti fil-kaz;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-13 ta' Awissu, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet kif ukoll lill-Ufficjal tal-*Probation* Carmen Nygaard fl-udjenza tal-Gimgha, 7 ta' Dicembru, 2001; ikkunsidrat:

1. L-appellant Avukat Generali ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li "skond l-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 152, introdott bl-Att I tal-1993, meta persuna tigi trattata ghar-reat li ghalih tkun tqeghdet taht *probation* jew li dwaru tkun giet liberata taht kundizzjoni, il-qorti ma tistax tqeghda taht *probation* jew taghmel ordni dwarha kif provdut fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 9 tal-istess Kapitolu 152 dwar dak ir-reat". It-tieni aggravju jirrigwarda l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali; l-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti kellha tikkundanna lill-appellat ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali.

2. Din il-Qorti tippreciza qabel xejn li ghal dak li jirrigwarda **ir-raba'** imputazzjoni, l-ewwel qorti applikat l-Artikolu 10(1)(a)[1] fir-rigward tas-sentenzi tal-20 ta' Ottubru, 1994 (fol. 148), tat-12 ta' Frar, 1996 (fol. 159) u tad-9 ta' Marzu, 1995 (fol. 175); fir-rigward taz-zewg sentenzi l-ohra msemmija fir-raba' imputazzjoni, l-ewwel qorti rriteniet li l-imputat kien ga gie trattat dwarhom. Is-sentenza tal-**20 ta' Ottubru, 1994** tirreferi ghal reati (konnessi ma' abbuz tad-droga) kommessi fit-2 ta' Lulju, 1994[2], u ghalhekk japplika d-divjet tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 152 li ghalih qed jirreferi l-Avukat Generali[3]. Pero` kemm mill-fedina penali ezibita quddiem l-ewwel qorti (fol. 221 sa 240) kif ukoll mill-fedina ezibita fil-mori ta' l-appell jirrizulta li din is-sentenza ta' l-20 ta' Ottubru, 1994 kienet fil-fatt ittiehdet in konsiderazzjoni fis-sentenza (tal-Qorti tal-Magistrati) tad-29 ta' Novembru, 1996. Is-sentenza tat-**12 ta' Frar, 1996** tirreferi ghal diversi reati kommessi matul Ottubru, 1994; pero` anke hawn jidher (dejjem mill-fedina penali ezibita) li din is-sentenza ttiehdet in konsiderazzjoni fis-sentenza (tal-Qorti tal-Magistrati) tas-26 ta' Novembru, 1997. Kwantu ghas-sentenza tad-**9 ta' Marzu, 1995**, din tirreferi ghal reat ta' pussess (semplici) ta' erojina bi ksur tal-ligi fl-4 ta' April, 1994. Din is-sentenza ma jidhirx li qatt ittiehdet in konsiderazzjoni f'xi sentenza ohra. Permezz ta' din is-sentenza tad-9 ta' Marzu, 1995 l-appellat kien gie liberat taht l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mid-data ta' dik is-sentenza. Galadarba bis-sentenza appellata

[1] Mhux Artikolu 10(a), kif erroneament indikat fis-sentenza appellata.
[2] U ghalhekk wara li gie fis-sehh l-Att I ta' l-1993 li introduca fil-Kap. 152 is-subartikolu (2) tal-Artikolu 10.
[3] Ghal meta japplika jew ma japplikax dan id-divjet *ratione temporis*, ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Gunju, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar***.

huwa instab hati li kellu fil-pussess tieghu l-erojina u l-kokajina fit-12 ta' Awissu, 1996 u fit-tnax-il xahar ta' qabel dik id-data, jigi li l-appellat ikkommetta reat iehor matul il-periodu tal-"conditional discharge" li huwa kien inghata bis-sentenza tad-9 ta' Marzu, 1995 imsemmija, u dan kif gustament konstatat mill-ewwel qorti.

3. Ghalhekk, fir-rigward ta' din is-sentenza tad-9 ta' Marzu, 1995 l-Avukat Generali ghandu ragun li l-ewwel qorti ma setghetx tqieghed lill-appellat taht *probation*. Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 10 huwa car. L-abbili difensur ta' l-appellat stieden lil din il-Qorti sabiex ma titrattax ma' l-appellat ghall-ksur ta' din il-"conditional discharge" peress li argumenta li l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 152 juza l-espressjoni "…tista' titratta ma' dik il-persuna…", u ghalhekk, skond hu, il-kelma "tista'" (*may* fit-test Ingliz) tindika li l-Qorti ghandha ghazla, u tista' ghalhekk anke ma titrattax mieghu ghall-ksur tal-"conditional discharge" jew tal-"probation order" skond il-kaz. L-appellat m'ghandux ragun f'dan ir-rigward. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-16 ta' Gunju, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar*** l-uzu tal-kelma "tista'" ma jfissirx li l-Qorti ghandha xi ghazla. Il-kelma "tista'" fil-kuntest kemm tal-paragrafu (a) kif ukoll tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 10(1) in dizamina tfisser biss li l-qorti li tkun ikollha s-setgha li titratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti.

4. Kwantu ghall-ispejjez peritali, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellat ghandu jigi kkundannat ihallas biss l-ispejjez konnessi man-nomina u r-rapport (Dok. MM, fol. 101) tal-Ispizjar Mario Mifsud.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appelleta billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn qieghdet lill-appellat Raymond Callus taht Ordni ta' *Probation* skond l-Artkolu 5 tal-Kap. 152 ghall-periodu ta' tlett snin, u minflok tikkundannah ghal piena komplessiva ta' erba' (4) xhur prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas l-ispejjez konnessi man-nomina u r-rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud (Dok. MM, fol. 101) u dan fi zmien xahar minn meta huwa jigi infurmat mir-Registratur bl-ammont in kwistjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.